## 10 PARIRI TA' PAPA FRANĠISKU LILL-MAĦBUBIN



Papa Franġisku ta' spiss iwassal messaġġi u pariri lill-maħbubin, fost l-oħrajn lil għarajjes jew miżżewġin.  Sikwit għadda dawn it-tip ta' messaġġi propju f'Jum San Valentinu.  Dawn huma 10 mill-għadd ta' pariri li wassal tul dawn is-snin li ilu Papa:

1. **Tistennewx perfezzjoni mill-persuna li tħobbu.**
   **L-ebda familja, l-ebda raġel u l-ebda mara ma huma perfetti.**
2. **Iż-żwieġ huwa iktar importanti mit-tieġ.**
   **Tajjeb li l-festin u l-libsa li tagħżlu jkunu jfissru l-ferħ u l-imħabba ta' bejnietkom.**
3. **Tmorrux torqdu rrabjati ma' xulxin.**
   **Itolbu maħfra lil xulxin.  Dan huwa s-sigriet tal-imħabba.**
4. **Ikkommettu ruħkom għal dejjem,**
   **imma t-tul mhux l-uniku sinjal ta' żwieġ ta' suċċess.**
   **Il-kwalità taż-żwieġ importanti wkoll.**
5. **"Jekk jogħġbok", "grazzi" u "skużani."**
   **It-3 kelmiet li għandek tgħid kuljum meta tgħix ma' xi ħadd.**
6. **Id-djalogu huwa essenzjali**
   **biex ikun hemm l-imħabba fiż-żwieġ u fil-familja.**
7. **Kunu lesti tagħmlu s-sagrifiċċji għal xulxin.**
8. **Intom kemm intom impenjati,**
   **qisu li jkollkom ħin għal xulxin.**
9. **Aċċettaw in-nuqqasijiet ta' xulxin**
   **– jekk l-imħabba ma tkunx perfetta**
   **ma jfissirx li mhix vera jew reali.**
10. **Ħares lejn it-tajjeb fil-maħbub tiegħek**
    **anke meta jagħmel xi ħaġa li ddejqek.**




***Awguri lill-maħbubin kollha!***



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
KONVERŻJONI TA' SAN PAWL
Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

# MHUX FAIR!

Meta nisimgħu l-kelma ġustizzja, aktarx li moħħna jmur f'liġijiet, qrati, pulizija, kawżi u avukati.  Iżda l-ġustizzja tmur lil hinn minn dan.  Il-ġustizzja hija virtù oħra kardinali *"li biha, b'rieda soda u kostanti, nagħtu 'l Alla u lil għajrna dak li jistħoqqilhom"* (Katekiżmu tal-Knisja Kattolika n. 1807).

***Ġusti jew Inġusti?***

Sikwit jiġri li nħossuna vittmi ta' inġustizzji, bi drabi l-pretensjoni timlilna rasna li sofrejna nġustizzji kbar.  Biss żgur li kien hemm ukoll mumenti fil-ħajja tagħna meta ħaddieħor ma kienx ġust magħna, u dan jista' jkun li mhux tort tiegħu għal kollox, kif turina din l-istorja ħelwa: Darba kien hemm furnar li kien jixtri kuljum 400 gramma butir mingħand sieħbu li kellu razzett tal-baqar.  Jum fost l-oħrajn, għokritu għajnu li sieħbu kien qed iqarraq bih.  Wiżen l-400 gramma u sabha nieqsa.  Iddeċieda li jħarrek lil sieħbu talli kien qed jisirqu u meta telgħu l-qorti, ir-raħħal qal hekk lill-maġistrat: "Sinjur, jien m'għandix miżien diġitali, minn dak li jaqralek il-piż eżatt bħalma għandu l-ħabib tiegħi l-furnar imma miżien antik, tal-użin. Jien inpoġġi l-ħobża tal-400 gramma li nixtri mingħandu fuq il-miżien u ntih butir b'kemm tiżen il-ħobża."

Il-furnar ma felaħx jitkellem u nduna li kien inqela b'żejtu.

***Fil-Kotba Mqaddsa***

Fl-Antik Testment nsibu hekk: *"La tgħawwiġx fil-ħaqq li tagħmel; la tħarisx lejn wiċċ il-fqir; lanqas ma tweġġaħ lill-kbir għal wiċċu; imma tagħmel ħaqq mill-proxxmu tiegħek fis-sewwa"* (Lev. 19, 15).

Mill-banda l-oħra, fit-Testment il-Ġdid insibu lil San Pawl li fl-Ittra lir-Rumani jurina l-ġustizzja fil-prattika: *"Agħtu lil kulħadd dak li ħaqqu, taxxi lil min imissu t-taxxi, dazju lil min imissu d-dazju, rispett lil min imissu r-rispett, ġieħ lil min imissu l-ġieħ."* (Rum. 13,7).

Dan huwa l-bniedem ġust: huwa dak li jagħti qima lil Alla, dak li hu xieraq lil dawk li fuqhom jaħkem, ubbidjenza lill-awtoritajiet u mħabba lill-oħrajn.



### *Iż-Żewġ Estremi tal-Ġustizzja*

Il-ġustizzja jista' jkollha 2 estremi: l-ewwel perspettiva hija ta' dawk li jaraw il-ġustizzja bħala dik li tagħti biss kastigi, dik li titfa' lil min żbalja dritt il-ħabs u li tpattiha qares lil min għamel xi ħaġa ħażina. Tixbah lil dik li naraw fil-films fejn ikun hemm xi ħadd li l-missjoni tiegħu hi li jispara fuq il-ħżiena u joqtolhom. Ma nistgħux nagħmlu li rridu jew inħallu kollox għaddej imma lanqas nistgħu naqbdu u neqirdu lil kull min jiżbalja jew agħar minn hekk, lil kull min ma jaqbilx magħna f'xi ħaġa.

Alla wkoll huwa ġust u rridu nagħtuh kont ta' għemilna imma ma nistgħux nibnu r-relazzjoni tagħna miegħu fuq il-biża'. Irridu nżommu f'moħħna li għad niġu ġġudikati fuq dak li nagħmlu u fl-istess ħin, għax hu l-Ħallieq tagħna, nagħtuh dak li ħaqqu b'imħabba u bi gratitudni.

Imbagħad insibu wkoll l-estrem l-ieħor fejn f'isem il-ġustizzja soċjali, nibdew nilagħbu mal-prinċipji u noħolqu drittijiet anke fejn m'hemmx. Hekk il-ġustizzja ssir xewqa sentimentali li nitħassru lil kulħadd u fejn inkunu rridu nikkuntentaw lil kulħadd biex ħadd ma jieħu għalih u biex kull għemil jiġi ġġustifikat.

### *Neżaminaw ftit lilna nfusna*

Kollha kemm aħna nixxenqu għall-ġustizzja imma jkun jixraq ukoll li naraw kif aħna qed ngħixuha. Kollha ngħidu *'Mhix sew'* meta xi ħaġa toqrosna, imma tajjeb ukoll li naraw kif qed inġibu ruħna mal-oħrajn:

- Qed inkun ġust fi kliemi meta nisma' dwar xi ġrajja, meta nara xi ħaġa fl-aħbarijiet jew fuq il-midja soċjali?
- Qed inkun ġust ma' min jiġi jagħmilli biċċa xogħol? Qed nagħtih dak li ħaqqu jew qed infittex li nirkeb minn fuq dahru, l-aqwa li mmur tajjeb jien?
- Qed inkun ġust fuq il-post tax-xogħol? Qed nirrispetta lil min jaħdem miegħi u lil min għandi dover lejh?
- Jekk inkun insuq u nagħmel ħsara lill-karozza ta' xi ħadd, kapaċi ngħidlu jew nibqa' għaddej għax ħadd ma rani?

Jekk nippruvaw nimxu ma' dawn il-prinċipji li tkellimna dwarhom u nżommu f'moħħna li nimxu ma' ħaddieħor kif irridu li ħaddieħor jimxi magħna, allura jkollna inqas okkażjonijiet li fihom ngħidu:

*"Mhux fair!"*










# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Frar 2021

It-Tlieta 2 ta' Frar — **Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju**
*Jum ir-Reliġjużi u l-Membri tal-Ħajja Kkonsagrata.*
Fis-6:30pm - Quddiesa bit-Tberik tax-Xemgħa.

Il-Ġimgħa 5 ta' Frar — **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
Fis-5:45pm - Qrar
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni

L-Erbgħa 10 ta' Frar



**Solennità tan-Nawfraġju f'pajjiżna ta' San Pawl Appostlu**

Obbligu li nqaddsu dan il-jum bil-quddiesa li fil-parroċċa tagħna jkun:
AM - Fis-6:45am;
Fid-9:00am;
PM - Fil-5:30pm.



Il-Ħamis 11 ta' Frar — **Jum Dinji tal-Morda**
L-Ewwel Dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes.

L-Erbgħa 17 ta' Frar — **L-Erbgħa tal-Irmied – *Jibda r-Randan***
Fis-6:30pm - Quddiesa bit-Tqegħid tal-Irmied

Il-Ħadd 21 ta' Frar — **L-Ewwel Ħadd tar-Randan**

Il-Ħamis 25 ta' Frar — **Tifkira tal-Beata Sr Adeodata Pisani O.S.B.**

Il-Ħadd 28 ta' Frar — **It-Tieni Ħadd tar-Randan**

***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Ian Agius
Cecilia Busuttil
Grace Scerri
Mikiel Damato

***Nitolbu għalihom!***

